# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1150/2018 MH**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2023**

**Madiha M.A. Abunada (K.I. 82608A u Refcom no. 23465/18)**

**vs**

**Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates, u Identity Malta, u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**Rikors tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates, tal-Identity Malta u tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2021**[1] permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* l-ordni tagħha tat-30 (recte: 20) t'Awwissu 2021 limitatament għall-parti fejn il-Qorti dderiġiet lill-attriċi tħarrek lill-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ta' Malta jew rappreżentant tiegħu permezz ta' Mandat għat-Taħrika ta' xhieda u dan sabiex

[1] Fol 119A et seq

dan tal-aħħar jixhed fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2021 quddiem il-Qorti taħt kull provvediment li jidhrilha xieraq;

Rat **ir-Rikors tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' tas-17 ta' Novembru 2021**[2] permezz ta' liema huwa wkoll talab lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-20 t'Awwissu 2021 li bih ġie spedit il-mandat ta' taħrik ta' xhud preżentat fil-11 t'Awwissu 2021 u konsegwentement teżentah milli jixhed taħt kull provvediment li jidhrilha xieraq;

Rat **ir-Risposta ta' Madiha M.A. Abunada tal-10 ta' Diċembru 2021**[3] permezz ta' liema oppona għat-talbiet magħmula f'dawn iż-żewġ rikorsi;

Rat ir-**Risposta tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates, tal-Identity Malta u tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Frar 2022**[4] permezz ta' liema ddikjaraw li jaqblu ma' dak sottomess mill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' tas-17 ta' Novembru 2021 in kwantu r-raġunijiet imressqa f'dak ir-rikors kienu jirriflettu dak sottomess minnhom fir-rikors tagħhom tal-15 ta' Novembru 2021.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għall-provvediment dwar ir-rikorsi tal-15 u tas-17 ta' Novembru 2021.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

[2] Fol 126 et seq
[3] Fol 121 et seq
[4] Fol 130

Bħala sfond, fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti Madiha M.A. Abunada tippremetti li hija ġiet l-ewwel darba f'Malta b'mod legali fl-1983 u damet hawn sal-1996 biex imbagħad reġgħet irritornat b'mod legali fl-2011. Hija tgħid li minn dak iż-żmien il-permess ta' residenza tagħha dejjem ġie mġedded kull sena b'mod regolari. Madankollu, wara li applikat għal tiġdid tal-permess ta' residenza fit-28 ta' Lulju 2017, hija rċeviet ittra mingħand Identity Malta datata 28 ta' Diċembru 2017 li permezz tagħha ġiet infurmata li t-talba tagħha ġiet rifjutata *"on grounds of public policy and public security"*[5] mingħajr ma ngħatat spjegazzjoni oħra .

Għalkemm hija appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, l-appell tagħha ġie miċħud. Sussegwentement hija applikat għall-ażil hawn Malta.

Ir-rikorrenti tilmenta li l-entitajiet amministrattivi tal-Istat u l-Bord ħadu d-deċiżjoni msemmija mingħajr ma taw ebda raġuni għal tali deċiżjoni b'dana li hija ġiet imċaħħda milli tiddefendi ruħha tajjeb. Dan bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

Permezz tal-proċeduri odjerni hija qegħda tattakka d-deċiżjoni tal-Identity Malta tat-28 ta' Diċembru 2017 u qed titlob li tiġi dikjarata li tmur kontra ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Per konsegwenza tali deċiżjoni għandha tiġi annullata. Fuq l-istess binarju r-rikorrenti qed titlob li d-deċiżjoni tal-Bord tat-18 ta' Mejju 2018 għandha wkoll tiġi annullata għax allegatament tikser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u/jew kien hemm enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta tal-liġi. B'riżultat ta' dan l-allegat aġir, ir-rikorrenti qegħda titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

[5] Fol 9

Mill-atti jirriżulta li permezz ta' digriet tal-20 t'Awwissu 2021 din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent Madiha M.A. Abunada tal-11 t'Awwissu 2021 għall-ħruġ ta' Mandat ta' Taħrik ta' Xhieda fil-konfront tal-Kap tas-Servizz ta' Sigurta' ta' Malta (MSS) jew rappreżentant tiegħu sabiex jixhed –

*"...dwar l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza tar-rikorrent Madiha M.A. Abunada (KI 82608A) wara talba tagħha datata 28 ta' Lulju 2017 liema talba ġiet irrifjutata nhar it-28 ta' Diċembru 2017; ir-raġunijiet għalfejn l-istess tiġdid tal-permess ta' residenza qiegħed jiġi oppost mill-MSS, kif ukoll korrispondenza jew komunikazzjoni li sar bejn l-MSS u Identity Malta, l-Immigration Appeals Board, jew Awtoritajiet oħra dwar il-każ tar-rikorrenti u biex iġġib miegħek id-dokumenti kollha relattivi."*

Fir-rikorsi rispettivi tagħhom in eżami, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' u l-konvenuti fil-kawża odjerna bbażaw l-oġġezzjoni tagħhom għall-għoti tax-xhieda tal-istess Kap tas-Servizz tas-Sigurta' jew rappreżentant tiegħu fuq l-artikolu 3(2) u l-artikolu 4 (2) (a), (3) u (4) tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdu hekk –

**Artikolu 3(2)**

*"Il-funzjoni tas-Servizz tkun li dan jipproteġi s-sigurtà nazzjonali u, b'mod partikolari, kontra theddid mill-kriminalità organizzata, spjunaġġ, terroriżmu u sabutaġġ, l-attivitajiet ta'aġenti ta' potenzi barranin u kontra l-azzjonijiet maħsuba biex iwaqqgħu jew jissovvertu d-demokrazija parlamentari b'mezzi politiċi, industrijali jew vjolenti."*

**L-Artikolu 4 (2) (a), (3) u (4)** –

*(2) Il-kap tas-Servizz ikun responsabbli għall-effiċjenza tas-Servizz u jkollu d-dmir li jiżgura –*

*(a) li jkun hemm arranġamenti sabiex jiġi żgurat li ma jinkiseb ebda tagħrif mis-Servizz ħlief daqstant daqskemm ikun meħtieġ għat-twettiq sew tal-funzjonijiet tiegħu u li ma tiġi żvelata ebda informazzjoni mis-Servizz ħlief meta din tkun meħtieġa għal dak l-għan jew bil-għan li jsiru proċedimenti kriminali;*

*(....)*

*(3) L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) għandhom ikunu tali li jiżguraw li informazzjoni li tkun il-pussess tas-Servizz ma tiġix żvelata għall-użu sabiex jiġi stabbilit jekk persuna għandhiex tiġi impjegata, jew tkompli tiġi impjegata, minn xi persuna, jew f'xi kariga jew kapaċità ħlief skont provvedimenti f'dak ir-rigward li jiġu approvati mill-Ministru.*

*(4) Mingħajr ebda preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu(a) tas-subartikolu (2), il-kxif ta' informazzjoni għandu jitqies bħala meħtieġ għat-twettiq sew tal-funzjonijiet tas-Servizz meta dan ikun jikkonsisti –*

*(a) fil-kxif ta' kull dokumentazzjoni bl-approvazzjoni tal-Ministru u skont l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali; jew*

*(b) fil-kxif, kif suġġett għal u skont l-arranġamenti approvati mill-Ministru, ta' informazzjoni li tingħata lill-Awditur Ġenerali persunalment għall-għanijiet tal-funzjonijiet tiegħu li jkollhom x'jaqsmu mas-Servizz."*

Huma jsostnu li bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet l-intenzjoni tal-leġislatur hija ċara u ċioe' li ebda nformazzjoni li tkun fil-pussess tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' m'għandha tiġi żvelata ħlief fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-istess dispożizzjonijiet. Inoltre, huwa awtorizzat l-iżvelar ta' nformazzjoni bl-iskop li jsiru proċeduri kriminali iżda ma hemm ebda referenza għal kawżi ċivili.

B'żieda ma' dan, saret referenza wkoll għall-**artikolu 637 (3) (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk -

*"Ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' xi dokument li hu miżmum minn awtorità pubblika u –*

*(......)*

*(b) li l-iżvelar tiegħu hu pprojbit minn xi liġi oħra."*

Minn naħa tagħha r-rikorrenti Abunada tirribatti li l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni inerenti li jirrevedu l-legalita' o meno ta' kwalunkwe att amminstrattiv u li l-ebda liġi m'għandha tiġi nterpretata b'mod li ċċaħħad lill-Qrati milli jwettqu din l-indaġini. Hija ssostni li r-rikorsi tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' u l-konvenuti jammontaw għal attakk għall-prinċipju tal-*equality of arms* li għandu jiġi protett mill-Qrati speċjalment f'ċirkustanzi bħal dawk odjerni fejn evidentement il-partijiet mhumhiex fuq l-istess livell u li l-individwu qiegħed jitħalla fid-dlam mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiż mingħajr ma jitħalla jiddefendi ruħu.

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ **Mark Formosa v. Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku deċiż fl-20 ta' Lulju 2020** il-Qorti Kostituzzjonali affermat hekk -

*"II. Dritt għall-ugwaljanza tal-armi*

*26. L-ugwaljanza tal-armi hija element fundamentali fil-kunċett ta' smigħ xieraq u tirrikjedi li jkun hemm bilanc ġust ("fair balance") bejn il-partijiet, u cioe` illi l-partijiet jingħataw opportunita ragonevoli u sostanzjalment komparabbli illi jipprezentaw il-pozizzjoni taghhom quddiem il-qorti taht kundizzjonijiet li ma jpoġġuhomx fi żvtanagg sostanzjali vis-à-vis il-parti l-oħra.*

*27. Illi huwa rikonoxxut li d-drittijiet derivanti minn dan il-kunċett m'humiex assoluti u minn studju tal-ġurisprudenza fuq il-materja jirriżulta illi l-Istat għandu ċertu marġini ta' apprezzazzjoni sabiex jillimita dan id-dritt fejn dan ikun neċessarju sabiex tingħata preċedenza lil xi interess nazzjonali superjuri. Dak li huwa essenzjali huwa li ċ-ċittadin ma jitpoġġiex f'pożizzjoni manifestament żvantaggjata fil-konfront tal-parti Statali."*

Issir referenza wkoll għall-każ **Regner v The Czech Republic deċiż fid-19 ta' Settembru 2017** esebit ukoll in atti, fejn il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk -

*"146. The Court reiterates that the adversarial principle and the principle of equality of arms, which are closely linked, are fundamental components of the concept of a "fair hearing" within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention. They require a "fair balance" between the parties: each party must*

*be afforded a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent or opponents (see Avotiņš v. Latvia [GC], no. 17502/07, § 119 and other references, ECHR 2016).*

*147. However, the rights deriving from these principles are not absolute. The Court has already ruled, in a number of judgments, on the particular case in which precedence is given to superior national interests when denying a party fully adversarial proceedings (Miryana Petrova, cited above, §§ 39-40, and Ternovskis, cited above, §§ 65-68) The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in this area. However, it is for the Court to determine in the last instance whether the requirements of the Convention have been complied with (see, for example, Tinnelly & Sons Ltd and Others and McElduff and Others v. the United Kingdom, 10 July 1998, § 72, Reports of Judgments and Decisions 1998-IV; Prince Hans-Adam II of Liechtenstein v. Germany [GC], no. 42527/98, § 44, ECHR 2001-VIII; and Devenney v. the United Kingdom, no. 24265/94, § 23, 19 March 2002).*

*148. The Court reiterates, moreover, that the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right either. In criminal cases it has found that there may be competing interests, such as national security or the need to protect witnesses at risk of reprisals or keep secret police methods of investigation of crime, which must be weighed against the rights of the party to the proceedings. However, only measures restricting the rights of a party to the proceedings which do not affect the very essence of those rights are permissible under Article 6 § 1. For that to be the case, any difficulties caused to the applicant party by a limitation of his or her rights must be sufficiently counterbalanced by the procedures followed by the judicial authorities (see, mutatis mutandis, Fitt v. the United Kingdom [GC], no. 29777/96, § 45 with other references, ECHR*

*2000-II, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 107, ECHR 2015).*

*149. In cases where evidence has been withheld from the applicant party on public interest grounds, the Court must scrutinise the decision-making procedure to ensure that, as far as possible, it complied with the requirements to provide adversarial proceedings and equality of arms and incorporated adequate safeguards to protect the interests of the person concerned (see Fitt, cited above, § 46).*

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti tosserva li l-attriċi qegħda tiddefendi l-ħruġ tat-taħrika ta' xhieda lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' u l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li talbitu jġib abbażi tal-prinċipju tal-*equality of arms*. Madankollu, kif jirriżulta mis-suespost, dan mhuwhiex dritt bla limitu stante li l-Istat għandu d-diskrezzjoni li jillimita dan id-dritt fejn hu meħtieġ sabiex jipproteġi l-ordni pubbliku u s-sigurta' pubblika . Huwa l-kompitu tal-Qorti li tiskrutinja l-proċedura adoperata fit-teħid tad-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet tal-Istat sabiex tassikura li jintlaħaq bilanċ bejn dawn id-drittijiet.

M'hemmx dubju li l-artikolu 3(2) u l-artikolu 4 (2) (a), (3) u (4) tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdu limitazzjonijiet ċari dwar l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li tista' tiġi prodotta mill-Kap tas-Servizz ta' Sigurta'. Tali limitazzjonijiet huma konfermati wkoll mill-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif fuq ingħad u għandhom jiġu rispettati.

Ferm il-premess, ma jfissirx li l-Kap tas-Servizz ta' Sigurta' għandu jiġi kompletament eżentat milli jittella' jixhed. Hemm aspetti oħra ta' proċedura u skrutinju mħaddma minnu fil-proċess li eventwalment iwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet rigward applikazzjonijiet li jkunu ġew sottomessi lill-Identity Malta

u li hu jista' jixhed dwarhom kif *del resto* għamel fi proċeduri oħra quddiem din il-Qorti diversament preseduta u li huma wkoll esibiti in atti[6]. U hekk se jsir fil-proċeduri odjerni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tiċħad ir-rikorsi tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' tas-17 ta' Novembru 2021 u tal-konvenuti tal-15 ta' Novembru 2021 ħlief safejn kompatibbli ma' dak appena deċiż;**

**2. Tikkonferma d-digriet tagħha tal-20 t'Awwissu 2021 li bih akkordat it-talba tal-attriċi sabiex jitla' jixhed il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' dwar l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza tal-attriċi Madiha M.A. Abunada wara t-talba tagħha tat-28 ta' Lulju 2017 li kienet ġiet irrifjutata nhar it-28 ta' Diċembru 2017 limitatament pero' sal-parametri permissibbli mill-artikolu 3(2) u l-artikolu 4 (2) (a), (3) u (4) tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta). Għal kull bon fini qiegħed jiġi ukoll ordnat lix-xhieda li tingħata kif ordnat u kwalunkwe dokument li jista' jkun hemm esebit, għandha tiġi ssigillata u ma tinfetaħx ħlief b'ordni tal-Qorti, ukoll lix-xhud konċernat jiddeponi bil-magħluq.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[6] Almarghani Aboubakr Alzarouq Salem vs Identity Malta deċiż fil-5 ta' Mejju 2022